**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DSATAX 2 ta’ DIĊEMBRU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D’Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-viċi Sindku Ignatius Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **19.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 19.1.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri informa lill-Kunsill li ser isegwi u jipparteċipa fis-seduta online minħabba li jinsab imsiefer.<br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li ma setgħax jattendi minħabba mard. Dok 1. |
| | | |
| **19.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 19.2.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu għandu biex jirbaħ il-kompetizzjoni tal-Milied. Il-Kumplament tal-Kunsill qalu li ma jistax jieħu sehem għax ikun kunflit ta’ interess. Hu baqa jinsisti li jieħu sehem. Kien hemm qbil li kunsilliera u familjari tagħhom ma jieħdux sehem.<br>Kien hemm qbil li lanqas każini u ħwienet ma jistgħu jieħdu sehem. |
| | | |
| 19.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmintax - il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***19.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 19.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima f'isem il-Kunsill irringrazzjat lis-Sinjuri Catherine u Nadia Cutajar u Gina Farrugia li għinu biex ingħataw l-injection kontra l-influwenza.<br>Is-Sindku rringrazzjat ukoll lis-Sinjuri Kevin Sam u Paul Farrugia li żejnu l-faċċata tal-Kunsill għal żmien il-Milied. |
| | | |
| 19.3.2 | | Is-Sindku ferħet lill-Onorevoli Miriam Dalli u ssuġġeriet biex il-Kunsill jagħmel laqgħa magħha. Hi ssuġġeriet ukoll li terġa ssir laqgħa oħra mal-Onorevoli Ministri Owen Bonnici u Julia Farrugia Portelli minħabba li dawn biddlu l-portafol tagħhom. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 19.3.3 | | Is-Sindku qalet li ħmistax ilu residenti ta' Triq il-Qrendi xtaqu laqgħa ma' TM u mal-Kunsill, minħabba is-sitwazzjoni tat-traffiku fit-triq imsemmija. Din il-laqgħa saret u kien hemm preżenti s-Sindku u l-Kunsillier Kaydem Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill aċċetta tliet persuni preżenti għalkemm kien hemm iżjed li riedu jkunu preżenti, imma minħabba l-problema tal-covid ma ġewx aċċettati.<br>Dan l-item ser jiġi diskuss aktar tard. |
| | | |
| | | |
| ***19.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 19.4.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato:<br>• ġiebed l-attenzjoni fuq Triq Antonia Farrugia. Hu qal li jekk il-Kunsill ikun jaf li ser jinbidlu l-ismijiet tat-toroq, il-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti biex javżhom qabel ma jkunu avżati mill-kumitat ismijiet tat-toroq.<br>• Biex isir bus stop f'Ħal Kirkop viċin l-iskola. Kien hemm qbil li hemm wieħed fil-viċin.<br>• Sqaq il-Waħx – il-gps jgħatik li tista tidħol minn ġo fih u dan l-isqaq dejjaq wisq tant li titwaħħal vettura jekk tidħol. Kien hemm qbil li jsiru tabelli tal-qisien tat-triq, b'qies idjaq milli hi verament, għax hi dejqa wisq. |
| | | |
| 19.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• xi persuna ħawlet kaktus fis-central strip ta' Triq G M Callus. Kien hemm qbil li jitneħħew.<br>• Għamlet talba għal bus shelter fl-istess central strip. It-talba kienet saret. Kien hemm qbil li issir reminder.<br>• Triq Dun Guzepp Zammit jeħtieġ li jsir aktar dawl għax m'hemmx. Is-Sindku qalet li twaħħlu fload lights mal-faċċati tar-residenti imma l-Enemalta għadha ma tatx id-dawl.<br>• Issuġġeriet ukoll li mas-siġar ta' nofs it-triq isir dawl żgħir li jiddekora s-siġar. Kien hemm qbil li l-ewwel naraw kif tidher it-triq meta jingħata d-dawl lill-fload lights u l-Kunsill jerġa jitkellem il-każ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Reġgħet ressqet il-każ tal-ħajt li hemm quddiem il-ħwienet kif tidħol fiż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li dak ix-xogħol ser tagħmlu Infrastructure Malta bla ħlas. Ser jineħħa ċ-ċint u jitħawlu siġar minfloku. |
| | | |
| 19.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• fi Sqaq San Tumas hemm dar li għandha bozza tat-triq biex titneħħa u titpoġġa ma' arblu għax qed tagħmel il-ħsara. - Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qed ikollu diversi talbiet biex lampi/bozoz jiġu spustjati minn post għal ieħor jew jinqalgħu minħabba li jkun ser isir xi kostruzzjoni. Hi qalet li ser tibda tagħti l-kont tal-ispiża lil min ikun irid tali servizz. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Kien hemm qbil jekk bozza tkun qed tagħmel ħsara lill-faċċata u l-Kuntrattur tal-Kunsill jikkonferma, din it-tneħħija tkun bla ħlas, jekk le, jkunu jridu jħallsu.<br>• Refresh ta' linji tat-traffiku fi Triq il-Ħaddiema – kien hemm qbil fuq dan.<br>• Isiru bankijiet sew għax ġew għoljien wisq fi ġnien il-Kunsill tal-Ewropa – Is-Sindku qalet li ser tibgħat tfakkira lill-Clean Malta biex ikompli l-ġnien.<br>• Ix-xogħol li sar f'dan il-ġnien ma sarx tajjeb.<br>• Tħawlet siġra fl-okkażjoni tal-100 sena mill-Partit Laburista fi Ġnien l-Ewropa.<br>• Staqsa fuq Triq is-Sienja li s'issa għadha bla wiċċ. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu u s-Sindku kellhom laqgħat ma' Infrastructure Malta u mad-dipartiment tad-drenaġġ fuq il-każ. Il-proċess idum f'kull triq biex isirilha wiċċ. Is-Sindku qalet li tkellmet ma' awtorita biex tpoġġi materjal scarifying biex iwittu parti mit-triq.<br>• Hemm bżonn tindif in-naħa tan-naħa tax-xewki. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lill-ħaddiem tiegħu.<br>• Prosit lil min ħadem biex jinġibu fondi għal-qtates. |
| | | |
| 19.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa:<br>• li l-fondi li kienu ser jintefqu fuq l-ikla tal-Milied jingħataw lill-persuni fil-bżonn. Kien hemm qbil li nitolbu approvazzjoni mid-DLG.<br>• Isir refresh tal-linji tat-toroq fejn il-grawnd tal-football.<br>• Kellha issir magna tal-ilma fejn l-out door gym. Kien hemm qbil li tintbagħat tfakkira.<br>• Biex nibdew nikkunsidraw nippubblikaw affarijiet fuq ir-riġenerazzjoni ta' Wied Fulija. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Kien hemm korrispondenza fuq il-one way tas-service road minn fejn ir-round about sa Triq San Pawl fejn TM ma qablitx fuqha. Wara diskusjoni l-Kunsill qabel li min irid jista jitlob għal sleeping policeman biex ma jkunx hemm veloċita qawwija. Kien hemm qbil li kollox jibqa kif inhu bħalissa u tintbagħat email lil min qed jagħmel l-ilment li l-uniku soluzzjoni hi li ssir sleeping policeman. |
| | | |
| 19.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • fid-19 ta' Diċembru ser jagħmel attivita li jiġi father christmas idur it-toroq b'vettura bid-diski tal-Milied. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Hal Far hemm siġra ħarruba, perikoluża li qed tagħti għat-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib permess mill-ERA u tinqata.<br>• Vjal il-Blue Grotto fis-central strip biex isiru xi dwal għax periklu. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li dak il-bus stop jeħtieġ li jitressaq fejn mietet is-siġra.<br>• Biex wara li jsir il-manutenzjoni fi sqaq fi Triq San Bartilmew biex ma jidħlux vetturi. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 19.4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li :<br>• palma qed tagħtti bus stop fi Vjal il-Blue Grotto.<br>• Biex il-Kunsill jagħti permess lir-residenti biex jarmaw Triq San Martin għal-Milied, bi spejjeż tad-dawl għalihom. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 19.4.7 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li jeħtieġ li titneħħa s-sleeping policeman Triq San Ċiru għax ir-residenti dejqithom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik s-sleeping policeman kien hemm approvazzjoni tagħha minn TM u din kienet ġiet approvata mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| ***19.5*** | | **Rapporti – Estimini annwali 2021 u rapport annwali amministrattiv** |
| 19.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tal-estimi annwali li ħejjiet flimkien mal-accountant tal-Kunsill. Tali estimi ġew approvati biex jintbagħtu. Kien hemm qbil fuq dawn. |
| | | |
| 19.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport annwali amministrattiv 2020 għall -approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuqu. |
| | | |
| **19.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| | | |
| ***19.6a.1*** | | ***PC21/20 – Żvilupp fi Triq il-Mitħna tal-Qaret – Kienu preżenti l-konsulent tal-Kunsill u sid l-art li trid tiġi żviluppata.*** |
| | | |
| 19.6a.2 | | Kien preżeni l-perit tal-kuntattur li jrid jibni u żewġ rappreżentanti tal-kumpanija, fejn wergħa bi 3d il-ħsieb tal-proġett u li jirreplika il-feature tal-mitħna u li jobbliga lill-kuntattur biex juża l-ġebla maltija. Huma konxji ħafna tal-post storiku tal-Mitħna.<br>Il-Konsulent tal-Kunsill qal li l-Kunsill ma qabilx li ż-żona kellha tkun parti mir-rationalisation, imma issa ġaladarba ż-żona qedgħa fih, irid jiġbed l-attenzjoni fuq ir-ring road li trid issir għada pitgħada. Il-Kunsill qed jitlob ukoll li ma jkun hemm tħaffir ta' xejn fl-akwati minħabba l-ħsara li tista ssir lill-mitħna, minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha bħalissa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-perit ser jieħu konsiderazzjoni ta' dak li qal il-konsulent tal-Kunsill u jerġa jagħmel emendi fejn meħtieġ. |
| | | |
| | | |
| 19.6a.3 | | Il-konsulent tal-Kunsill fuq PA, ressaq proposta fuq PA7418/20 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Din il-PA tikkonsisti f'kostruzzjoni ta' binja ta' 5 sulari appartamenti flok dar antika fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil mal-proposta u li tintbagħat mill-aktar fis. |
| | | |
| 19.6a.4 | | Il-Konsulent tal-Kunsill fuq PA, ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposta ta' oġġezzjoni fuq binja ta' 5 sulari fi Triq San Luqa PA 07365/20. Kien hemm qbil mal-proposta u li tintbaġġat mill-aktar fis. |
| | | |
| | | F'dan il-waqt, minħabba li kienu ser isiru d-21.15, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni jekk kienx hemm qbil li s-seduta tikompla illum. Kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla sakemm l-items kollha tal-aġenda jkunu eżawriti. |
| | | |
| ***19.6b*** | | ***Traffic managemet fi Triq il-Ħaddiema u Triq il-Qrendi*** |
| | | |
| 19.6b.1 | | Il-Kunsill irċieva xi ilmenti minn ħanut u residenti ta' Triq il-Qrendi fuq is-sistema tat-traffiku li ġiet approvata u saret f'Novembru. Waqt laqgħa li kien mistieden il-Kunsill mar-residenti li għamlu l-ilment u ma' TM li saret virtwali, saret proposta li Triq il-Qrendi, t-traffiku jitla 'l fuq lejn Triq il-Ħaddiema, u Triq il-Ħaddiema (minn Triq il-Qrendi sa Triq San Pietru) issir one way lejn Triq San Pietru.<br>Dan l-item reġa tqajjem wara petizzjoni imqajma minn residenti ta' Triq il-Qrendi. |
| | | |
| 19.6b.2 | | Transport Malta għamlu 2 proposti :<br>**proposta 1** – Triq il-Qrendi – one way direzzjoni lejn Triq il-Ħaddiema, Triq il-Ħaddiema one way minn Misraħ Mattia Preti sa Triq il-Qroll, Triq il-Ħaddiema aċċess biss lill-vetturi żgħar. Triq il-Ħaddiema minn Triq il-Qrendi sa Triq San Pietru one way direzzjoni lejn Triq San Pietru.<br>**Proposta 2** - Triq il-Qrendi two way, Triq il-Ħaddiema minn Triq il-Qrendi sa Triq San Pietru two way. Triq il-Ħaddiema minn misraħ sa Qrendi Road one way direzzjoni lejn Qrendi Road.<br>Il-Kunsill qabel mal-ewwel proposta. Din ser terġa tkun bi prova. |
| | | |
| ***19.6c*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 19.6.c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Persuna tixtieq tinforma lill-Kunsill li ser tarma tower crane fi Triq l-Arcipriet E Mifsud ġo għalqa privata. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntatjat lil sid l-għalqa fejn ta bil-miktub u bi provi li l-għalqa hi tiegħu u li lest li agħti l-għalqa biex tintuża mit-tower crane. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Resident fi Triq Sant Agatha k/m triq li tagħlaq Triq is-Sagħtar qed jitlob bollard fuq il-bankina għax qed jibża li jkollu ħsara fil-faċċata meta l-vetturi jitilgħu b'veloċita qawwija minn Triq San Martin. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob permess minn TM, u jekk jingħata, ir-resident ikun mgħarraf biex jagħmel il-bollard bi flusu.<br>• Fir-rigward tal-wirja tal-presepju li xtaqet tagħmel l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fil-Mitħna tax-Xarolla, id-dipartiment tas-saħħa ma aċċettatx li issir minħabba restrizzjonijiet tal-pandemija. L-Għaqda ġiet mgħarrfa b'dan.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-magna li tiddiżinfetta ma inxtratx minħabba li t-talba għal fondi mir-Reġjun Nofsinhar ma intlaqietx. Ir-Reġjun ta ċans sa' Settembru 2021 biex il-Kunsill jagħmel il-proġett li kien applika għalih jew proġett kapitali ieħor.<br>• Il-Kunsill rċieva mill-Gal Xlokk biex jinnomina student vulnerabbli biex ikunu jista jagħmel lezzjonijiet tal-arti online. |
| | | |
| 19.6c.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba li din is-sena kellna l-problema tal-covid żewġ impjegati fadlilhom bejn 12 u 16 -il ġurnata leave xi jġeddu għal sena oħra. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***19.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 19.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsili Lokali numru 39. |
| | | |
| ***19.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 19.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€49,423.10.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***19.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 19.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-22:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 13 ta' JANNAR, 2021

IFFIRMAT — IFFIRMAT

Rita Grima — Josianne Cilia Mumford

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**